MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 584/1993/1

**Mark Micallef**
**Vs**
**Kontrollur tad-Dwana u b'digriet tat-2 ta' Marzu, 1994 l-Avukat Albert Grech bhala mandatarju tad-ditta NWS Bank Plc gie mdahhal fl-atti tar-rikors bhala intervenut in statu et terminis.**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

**Rikors ta' Mark Micallef**

Illi b'*seizure note* datata 8 ta' April, 1993, li ggib in-numru 21/93 (dokument A) l-intimat qabad l-oggetti kollha ndikati fil-lista mehmuza mal-istess *seizure note*;

Illi din is-*seizure note* inharget in kwantu gie allegat illi l-oggetti maqbuda ddahlu Malta bi ksur tal-Artikolu 60 (a), (i), (j) tal-Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 17 (2) (ii) ta' l-Att tal-1989 dwar Dazji ta' l-Importazzjoni Kap 35;

Illi l-esponenti oggezzjona bil-miktub ghall-dan il-qbid u b'ittra tal-20 ta' April, 1993, taha avviz li hu kien bi hsiebu jagixxi quddiem din il-qorti biex jirriprendi pussess fuq l-oggetti maqbuda;

Illi l-oggezzjoni tal-esponent ghall-qbid fuq imsemmija hija s-segwenti:-

i. Illi sa fejn jaf ir-rikorrent, il-van u li *speed boat*, flimkien mat-*trailer*, kollha ndikati fis-*seizure note*, kienu ddahlu regolarment hawn Malta minn certu Anthony Coates ta' Gorlangton Close, Hangrove, Bristol, Ingilterra, li kien saq l-istess van bit-*trailer* u *speed boat overland*, u meta dahal Malta inghata *temporary importation permit*.

ii. Illi mill-informazzjoni li nghatat lir-rikorrent dan it-*temporary importation permit* kien ghadu ma skadiex meta l-oggetti nkwistjoni gew maqbudin w elevati permezz tas-*seizure* tat-3 ta' Awissu, 1992;

iii. Illi mill-fatti kif jistghu jigu ahjar pruvati fis-smiegh tal-kawza, ma jirrizultax illi hemm xi ksur tal-Artikolu 60 (a) (i) jew (j) tal-Kap 37 jew tas-17 tal-Att tal-1989 dwar Dazji tal-Importazzjoni.

iv. Illi inoltre dawn l-oggetti hekk maqbuda huma affarijiet li fuqhom tista' tinhareg regolarment *import licence*, dment li jithallas id-Dazju taghhom:

Illi ghalhekk is-*seizure note* in kwistjoni hija nulla u l-oggetti ghandhom jigu mehlusa:

Ghaldaqstant l-esponent talab lil dina l-Qorti joghgobha tordna l-intimat jirrilaxxa l-oggetti maqbuda bis-*seizure note* fuq imsemmija, u dan ghar-ragunijiet fuq imsemmija

**Rat ir-risposta ta' l-intimati** a fol. 6.

Illi l-istess oggetti msemmija fis-*seizure note* datat 8 ta' April, 1993 gew maqbuda regolarment u skond il-ligi;

Illi l-istess van bit-*trailer*, kif jammetti fir-rikors l-istess rikorrent, kienet taht *temporary permit* u skond l-istess kundizzjonijiet generali tat-*temporary importation permit*, ma tistax tinbiegh lil terzi minghajr awtorizzazzjoni w qabel il-hlas ta' dazju kollu relattiv w ghaldaqstant sar ksur tat-*temporary importation permit*, li jirrendi l-istess van u *trailer* suggetti ghal qbid;

Illi l-istess rikorrent jghid li l-istess *seizure note* hi nulla pero' ma jghidx ghaliex. Illi fil-fatt ma hemm ebda rregolarita' tas-*seizure note* w ghaldaqstant mhux nulla;

Illi del resto kif ser jigi ppruvat waqt il-kawza, il-van u trailer intuzaw ghall-kummissjoni ta' reat kriminali, w huma suggetti ghall-konfiska waqt li l-istess *speed boat* tirrizulta li kienet misruqa;

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti ma tilqax it-talba tar-rikorrent.

Rat l-atti kollha tar-rikors u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Ir-rikorrent kien xtara van u dghajsa minghand wiehed Ingliz Anthony Coates hawn Malta bil-prezz ta' Lm8,500 fis-27 ta' Lulju, 1992. Dawn l-oggetti kienu gew impurtati Malta taht *temporary importation licence* u r-rikorrent kien bi hsiebu li jhallas id-dazju li kien dovut. Ir-rikorrent kien indaga kemm kellu jhallas dazju. Hu kellu sebat ijiem zmien biex jaghmel dan (art 6 tal-Kap 337). Gara pero' li fl-ahhar gurnata li fiha setgha jhallas id-dazju l-oggetti gew

elevati mill-Pulizija billi dawn kellhom suspett li l-oggetti kienu misruqin.

Fil-fatt il-Pulizija kienet hadet passi kriminali kontra r-rikorrent u ohrajn u l-intimat kien hareg *seizure note* fuq l-oggetti (Dok  a fol. 49). Ir-rikorrent imbaghad ghamel dawn il-proceduri a bazi ta’ l-artikolu 72 tal Kap 37  biex jiehu l-oggetti lura.

Fil-mori ta’ dawn il-proceduri, il-kawza kriminali inqatghet u r-rikorrent (akkuzat) gie liberat mill-akkuzi dedotti kontra tieghu anke mill-Qorti ta’ l-Appell, u ma giet ordnata ebda konfiska ta’ l-oggetti.

L-intimat qed jissottometti li allavolja r-rikorrent gie liberat mill-proceduri kriminali, l-oggetti ma kienux dahlu regolarment u ghalhekk huwa kellu dritt johrog is-*seizure note* u jitlob il-konfiska taghhom.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-pulizija kellha nformazzjoni li d-dghajsa kienet insterqet mill-Ingilterra, mentri l-van gie maqbud hawn Malta billi kien intuza biex igorr id-dghajsa li skond informazzjoni li l-pulizija kellha kienet misruqa.

Ir-rikorrent qed jissottometti li l-intimat ma gabx prova li d-dghajsa kienet misruqa. Fil-fatt fuq dana l-punt xehdu l-ufficjali investigativi Ass. Kum E. Cassar u l-Ispettur B. Mula li qalu li kellhom informazzjoni li d-dghajsa kienet insterqet l-Ingilterra. Izda provi dokumentari jew xhieda apparti l-ufficjali nvestigattivi fuq daqshekk ma ngabux. Jidher li kienu gew prezentati xi provi fil-kawza kriminali, izda skond il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza ezibita a fol. 40 ma kien irrizulta xejn minn l-investigazzjonijiet minn naha ta’ l-awtoritajiet Inglizi.

Kwantu ghall van, l-intimat qed jghid li dan intuza biex tingarr d-ghajsa li kienet allegatament misruqa, u li dana ma  setghax jigi trasferit jew jigi dispost hawn Malta. Fil-fatt, dan mhux hekk billi l-ligi tipprovvdi taht il-Kap 37 Art 60  li oggett jista’ jigi mibjugh basta li jithallas id-dazju fuqu fi zmien sebat ijiem minn meta jinbiegh l-oggett. F’dana l-

kaz, kif diga gie deciz anke mill-Qorti ta' l-Appell, l-oggetti nxtraw regolarment bid-dokumenti (ara fol 43) fis-27 ta' Lulju, 1992 u r-rikorrent kellu sat-3 ta' Awissu, 1992 biex ihallas id-dazju fuqhom. Kien ezattament fl-ahhar jum koncess biex jithallas id-dazju li gew elevati l-oggetti u r-rikorrent la setgha u lanqas ried li jhallas id-dazju f'dak l-istadju u f'dawk ic-cirkostanzi. Ghalhekk il-gimgha koncessa mill ligi ma kienitx ghadha ghaddiet u konsegwentement l-oggetti ma setghux jigu maqbudin billi t-*temporary imporation licence* ma kienitx ghadha skadiet.

Finalment jigi notat li ghalkemm l-azzjoni kriminali u l-azzjoni civili huma distinti, lanqas fl-azzjoni kriminali, il-Qorti ma kienitx ordnat il-konfiska ta' l-oggetti.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li s-*siezure note* ma setghetx tinhareg kemm ghax ma kienx hemm prova li d-dghajsa kienet misruqa kif ukoll ghax meta nharget is-*seizure note*, t-*temporary import licence* ma kienitx ghadha skadiet.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tilqa' t-talba tar-rikorrent u
tordna l-intimat jirrilaxxa l-oggetti maqbuda bis-*seizure note* fuq imsemmija, u dan ghar-ragunijiet fuq imsemmija bl-ispejjez kontra l-intimat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------